# IT-TITULAR TAL-KAPPELLA

*STUDJU DETTALJAT ta' Charlene Muscat*

It-titular tal-kappella ta' San Martin li tinsab ġewwa raħal pittoresk tal-Baħrija hija mpittra fuq il-kanvas, li tirrapresenta lil Madonna fil-Glorja b'Ġesù Bambin fuq ħoġorha, b'San Martin libes ta' Isqof, għarkuptejh fuq ix-xellug tagħhom, bil-balklu ma l'art quddiemu.




Faccata tiegħu hemm San Filippu Neri, għarkuptejh ukoll. Warajh insibu lill San Ġakbu, bil-bastun f'idu. Fl'isfond insibu 6 puttini.

Dan it-titular jgħajjat l'istil ta' Gio Nicola Buħagiar (1698-1752) meta sa ftit ilu kien jingħad li għamlu Frangesku Zahra f'1750.

Iż-żebgħa wżata hija taż-żejt, fejn jidhru diversi kuluri jgħatu bħal blu, l'aħmar, l'isfar, l'aħdar u l'abjad. Id-daqqiet tal-pinżell huma visibli tajjeb ħafna.

## STAT TA' KONSERVAZZJONI

Jista jkun li s-support ta' l'injam m'huwiex oriġinali, għalkemm huwa fi stat ta' konservazzjoni tajjeb. Il-'frame' ta' barra għandu xi msiemer miżjuda mill-restawr l'antik. Meta l'inkwatru nqala minn wara ta' l'artal, instab li kien hemm elementi tan-natura minħabba li huwa suġġett għat-trap u l'għarbra.

Il-pittura reġgħet ġiet illanjata bil-'colla-pasta', u support tal-kanvas sar aktar oħxon, l'aktar minħabba materjal oħxon ta'





l'ixkejjer. Għalkemm f'kundizzjoni tajba, is-sħana u pressjoni tal-ġbidt wassal biex ikun hemm (imprint) fuq quddiem tal-pittura.

Hemm diversi kitbiet fuq wara ta' l'inkwatru, fosthom li kien irrestawrat f'1929, minn Antonia Briffa u darba oħra f'Awwissu f'1987. Wara din id-data, hemm miktub patri Martin Caruana mill-Baħrija u l'ammont ta' Lm 80. Il-post fejn gie restawrat kien il-kunvent ta' San Duminku, r-Rabat u l-ħin kien 2.55 pm.

Insibu wkoll id-data 1768, li tista tkun relatata meta sar l'inkwadru. Jekk inhu hekk, jista jkun li dan l'inkwadru sar mill-istudenti ta' Buħagiar.

It-titular għandu bżonn ta' restawrazzjoni fuq xi toqob, żebgħa żejda li saret waqt restawrazzjoni antika, trabijiet, tikmix, kif ukoll għandu kisja vernic li wasal biex it-tellef l'oriġinita tiegħu, barra s'intendi li għandu bżonn tindifa sewwa.

